KUNSILL LOKALI PAOLA
Casal Paola, Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knsija,
Paola PLA1075 - Malta
Tel: 21664066 Fax: 216635666

12 ta' Marzu 2011

Ref. 5/55/194/11

**Minuti tal-Laqgha Nru 55**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcini Amministrattivi, fi Gnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu 2011. Il-laqgha bdiet fis-6.00pm. Ghal-laqgha kienu prezenti s-Sindku Dominic Grima, il-Kunsillier Seychell, il-Kunsillier Dalli w il-Kunsillier Lynch. Il-Vici-Sindku Alfred Borg u l-Kunsillier Mark Ferris kienu skuzati. Kien hemm prezenti wkoll is-Segretarju Kevin Borg u l-iSkrivana Alison Panzavecchia. Is-Sindku Dominic Grima ppresjeda din il-Laqgha.

1) **Approvazzjoni tal-Minuti**

**Minuti tal-Laqgha Nru 54**

Dawn il-Minuti gew approvati mill-Membri tal-Kunsill nem com.

2) **Korrispondenza**

**2.1– Ittra mid-dipartiment tal-Gvern Lokali** – Is-Sinjura Deborah Pace baghtet ittra lill-Kunsill dwar il-Festa Gemellaggi biex tinforma li ser issir laqgha u jekk il-Kunsill hux ser jiehu sehem f'din l-attivita'. Wara diskussjoni, sar qbil li tintbaghat ittra lid-Dipartiment li l-Kunsill Lokali Paola mhux ser jiehu sehem minhabba cirkustanzi li nqalghu f'Paola Italia.

**2.2 – Ittra minn Gymnasia Ltd** – Is-Sur Alan Micallef baghat ittra lill-Kunsill biex jinforma li ser jiftah gym f'114 Triq il-Belt Valletta c/w Triq il-Perit F.Tortell. Huwa talab biex il-Kunsill jibghatlu ittra ta' no objection ghal dan il-progett. Il-membri tal-Kunsill qabblu li tintbaghtlu ittra li kull korrispondenza dwar dan il-progett ghandha tigi ndirizzata lill-MEPA.

**2.3 – Ittra minn Karaoke World Championship** – Is-Sinjura Daniela Debattista baghtet tinforma lil Kunsill biex jippartecipa billi jippromovi s-siti storici tal-lokal fil-Karaoke World Championship 2011 li ser issir f' Killarney fl-Irlanda. Wara diskussjoni sar qbil li l-Kunsillier Lynch jiltaqa' maghhom dwar dan.

## 3) Tender Triq l-Arkata

3.1 - Is-Sindku qal li fi Triq l-Arkata ser ikun hemm bzonn li jinhareg *additional tender* ghal xi xoghol zghir li hemm bzonn , u ghandu jinkludi ukoll ix-xoghol tal-WSC. Is-Sindku qal li il budget ta' € 30,000.

3.2 - Il-Kunsillier Seychell irrimarka wkoll li ghandu informazzjoni li qedghin isiru xi bankini minghajr permess tal-Mepa. Is-Sindku assikura lill-Kunsill li kollox qieghed isir skond il-permessi necessarji.

3.3 - Il-membri tal-Kunsill approvaw.

## 4) Edukazzjoni

4.1 - Il-Kunsillier Dalli qal li l-Kunsill qieghed jorganizza kors ghall-adulti u diga' kellna rispons tajjeb. Hu qal li s'issa applikaw xi 30 persuna.

4.2 – Il-Kunsillier Dalli kompla jitkellem dwar il-*walking bus* u l-*homework assistance*. Huwa qal li ser tigi organizzata l-*walking bus* fejn l-istudenti jiltaghu f'post kollha f'daqqa u permezz tal-ghajnuna ta' gwardjan lokali jimxu sa' l-iskola. Hu zied jghid li talab *quotation* dwar il-*homework assistance* lit-TCTC Ltd. Il-Kunsillier Dalli talab permess lill-Kunsill biex igib aktar *quotations* dwar dan. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

4.3 – Il-Kunsillier Dalli qal li huwa mar go hanut f'Gallarija fejn ra xi kotba ghal-librerija. Il-prezz taghhom huwa ta' €2 u €3. Huwa ssuggerixxa li jinxtraw xi kotba. Il-membri tal-Kunsill approvaw.

4.4 - Il-Kunsillier Borg Myatt dahal ghal-laqgha fis-6.30pm.

4.5 – Il-Kunsillier Borg Myatt qal li fi Triq Haz-Zabbar hdejn *Fleming Pharmacy* hemm dar u fil-faccata ghandha nicca. Hu qal li sid id-dar kellmitu dwar kif nistghu nirrestawraw din l-istatwa. Wara diskussjoni sar qbil li sa laqgha ohra tal-Kunsill jsir inventarju ta' kemm hawn nicec fil-lokal u fejn jinsabu u ngibu stima tar-restawr u ta' l-istat tan-nicec. Sar qbil ukoll li l-ewwel prirojita' tinghata lin-nicca ta' Triq Haz-Zabbar. Il-membri tal-kunsill approvaw.

## 6) Green MT

6.1 - Il-Kunsillier Dalli qal li l-Green Mt naqqsu milli jtuna xi affarijiet kif gie miftiehem fil-kuntratt. Huwa qal li l-ewwel sena tal-Kuntratt ser taghlaq fil-15 ta' Marzu 2011. Saret diskussjoni fejn sar qbil li l-Kunsill jiktbilhom ittra fuq dawk l-affarjijiet li ma ghamlux u biex isiru l-affarjiet kollha li s'issa ghadhom ma sarux, fejn nitolbuhom biex fi zmien 10 t'ijiem l-affarijiet kollha jigu retifikati u jekk dan ma jsehhx jittiehdu passi ulterjuri.

7) **Pagamenti**

7.1 – Is-Segretarju ressaq il-lista tal-pagamenti.

7.2 – **Re cekk nru 3560** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan il-pagament. Is-Segretarju spjega li dan il-pagament huwa ta' l-aluminium li sar fil-*public convenience* tal-Pjazza.

7.3 – **Re cekk nru 3561** – Is-Segretarju qal li dan il-pagament irid jammonta ghal € 1,164.00

7.4 – **Re cekk nru 3551** – Il-Kunsillier Lynch staqsa dwar dan il-pagament. Is-segretarju spjega li dan il-pagament huwa ta' meta nxtraw il-qliezet tal-haddiema tal-kunsill.

7.5 - Saret diskussjoni dwar tinghatax donazzjoni lil Puttinu Cares. Sar qbil li tinghata donazzjoni ta' € 100 ghall-attivita' tat-8 ta' Marzu 2011.

5) ***Traffic Fine Cameras***

5.1 – Is-Sindku qal li qed ikollna hafna lmenti dwar Triq id-Dghajjes ghax il-karozzi qed johorgu minnha u hafna lmenti wkoll dwar Triq il-Qalb ta' Gesu. Wara diskussjoni, sar qbil li f'dawn it-toroq jehlu l-*cameras* ghal 6 xhur u wara jigu riveduti u ghaldaqstant jehlu t-tabelli tal-*cameras* ukoll.

5.2 – Il-Kunsillier Dalli staqsa dwar meta ser jehlu CCTV Cameras fil-Gnien Pawlu Boffa. Is-Segretarju qal li ser johrog it-tender tal-*cameras* kif gie approvat fil-laqgha ta' qabel.

5.3 - Il-Kunsillier Dalli qal li hemm progett li applikaw ghalih il-Fondazzjoni Wirt Paola. Huwa zied jghid li mar l-ewwel laqgha dwar dan il-progett u li dan jikkonsisti fir-restawr tal-Fortizza tal-Habs.

5.4 - Is-Sindku staqsa fiex jidhol il-Kunsill.

5.5 - Is-Segretarju qal li l-budget huwa ta' € 2.3 million.

5.6 – Il-Kunsillier Dalli qal li ser issir rapprezentanza ser issir fis-17 ta' Marzu 2011 biex jigi pprezentat progett li ntaghzel ghal EU. Il-Kunsillier Lynch staqsa min sejjer. Il-Kunsillier Dalli qal li sejjer hu u s-Sur Malcolm Borg.

## 8) Aggornament

**8.1** - Il-Laqgħa giet magħluqa fis-7.30pm u aggornata għal nhar it-Tlieta 12 ta' April 2011 fis-6.00pm.

Approvati llum 05/04/11

Kevin Borg

Segretarju

Dominic Grima

Sindku